MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 12/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Edel M. Camilleri)
Vs**

**Gerreda Murad**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Mejju 2005 u dati ta' wara, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija u hinijiet ta' wara, meta kien detenut fl-Accommodation Centre, Floriana,**
**1) ikkommmetta harba mill-post tal-kustodja, liema harba saret bi ksur ta' dan il-post tal-kustodja u dan bi ksur tal-Artiklu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
2) sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u cioe' mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fis-7 t'Ottubru 2003, mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D.

fl-24 ta’ Novembru 2003 kif ukoll mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D. fil-25 ta’ Novembru 2003, u dan bi ksur tal-Artiklu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w akkuza w, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant hati taht l-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 u tapplika sentenza karcerarja li ma ghandhiex tkun ta’ aktar minn sena habs bhala massimu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-appellant.**

**Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2006 li bih in linea preliminari eccepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell billi dan gie pprezentat fil-Qorti tal-Appell li hija Qorti differenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali w inoltre t-talba li saret bir-rikors tas-27 ta’ Jannar, 2006 (fol. 17) kienet gja saret u giet milqugha s-seduta stante fis-17 ta’ Jannar, 2006 (fols. 15 u 16).**

**Rat il-verbal ta’ Dr. Anglu Farrugia, ghall-appellant, tal-istess data li bih iddikjara li r-rikors tas-27 ta’ Jannar, 2006 kien sar minnu meta assuma l-patrocinju tal-appellant, li quddiem l-Ewwel Qorti kien patrocinat minn Avukat iehor, f’kaz li ma kienitx intalbet mill-appellant is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata dak inhar tas-sentenza w ghalhekk issa jidher li hu superfluwu.**

**Rat is-sentenza taghha preliminari tal-lum fejn ordnat il-korrezzjoni tar-rikors tal-Appell u cahdet il-pregudizjali tan-nullita' tar-rikors tal-Appell da parti tal-Avukat tar-Repubbblika w ordnat li t-trattazzjoni ssir illum stess.**

**Rat il-verbal registrat mill-prosekuzzjoni w id-difiza konguntivament illum stess fejn it-tnejn qablu li s-sentenza appellata hija nulla ghax ma gietx segwita l-formalita' preskritta mill-ligi fl-Artikolu 392(A) u 453 tal-Kodici Kriminali.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar in-nullita' tas-sentenza appellata w in vista tal-verbal registrat quddiemha fis-seduta tal-lum stess, tannulla s-sentenza appellata w terga tirrinvija l-atti tal-process lill-Ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kaz skond il-ligi w terga tpoggi lill-appellant fil-posizzjoni li kien fiha immedjatament wara li sarlu l-ezami w wiegeb li huwa kien hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------